**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2018**

Numru 6

**Appell Nru. 54/2018**

**Shaun Patrick Debrincat**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Shaun Patrick Debrincat tal-20 ta’ Lulju 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-5 ta’ Lulju 2018 li biha ikkonfermat l-enforcement notice 157/15 ’ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti fi bdil ta’ uzu ta’ parti minn din il-bajja skedata ghal zona fejn qed issir attivita kummercjali relatata ma’ water sports u dan kollu fi proprjeta protetta skond il-Gazzetti tal-Gvern GN 7/95 u GN 851/10;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:

Kif inghad si tratta ta' appell minn fuq enforcement notice. Fl-Appell l-appellanti sahaq:

1. Illi ma kienx minnu li huwa kien qed jaghmel l-izvilupp illegali msemmi.
2. Li dan l-avviz inhareg minhabba pressjoni li saret minn terzi persuni fuq l-MEPA
3. Illi l-appellanti ma ghamel ebda struttura jew attivita' kummercjali fis-sit.
4. Bla pregudizzju l-appellanti ghandu l-permessi kollha mehtiega mill-Awtorita' Maltija ghat-Trasport sabiex jopera dghajsa
5. Konsegwentement ma ghandha tapplika ebda multa fil-konfront tal-appellanti.

Il-punti mqajma huma diversi ghalkemm l-ewwel u t-tielet aggravji jistghu jigu ezaminati flimkien.

Dwar it-tieni aggravju dan it-Tribunal ma ghandu ebda funzjoni li jezamina jekk saret xi forma ta' pressjoni sabiex jinhareg l-avviz. Din it-tip ta' pressjoni, jekk tirrizulta, ghanhha tkun mertu ta' proceduri separati fi fora ohra. Ghalhekk dan l-aggravju huwa respint.

Billi l-appellant jishaq fir-raba' aggravju li kellu l-permessi tal-Awtorita' tat-Trasport sabiex jopera dghajsa huwa necessarju li dan l-aggravju jigi ezaminat l-ewwel. Fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2015 xehed Patrick Pollacco in rappresentanza ta' Transport Malta u dana bhala Enforcement Manager. Dana primarjament spjega:

1. Li l-appellanti kellu permess ghal Water Sports u dana hareg fis-6 ta' Lulju 2015 validu tad-29 ta' Marzu 2016 (konfermat permezz ta' dok TM1 li hija Water Sports Operators Licence).
2. Dan il-permess jaghti dritt lill-appellanti li jopera opri tal-bahar u affarijiet ancillary bhal li jigbed sofas etc.
3. Jista jopera minn fejn irid basta li jkun mid-dghajsa registrata li f'dan il-kaz kien S 12859.
4. Ikkonferma li fir-Ramla l-Hamra Ghawdex hemm launch lane illi ghandha tintuza minn min irid ihott jew jghabbi xi passiggier bhala water sports operator.
5. Dwar kuntatti mal-MEPA x-xhud spjega illi 'ghax hu jrid ihares il-Ligijiet u mhux ahna mhux ser noqoghdu nghidulu toperax hawn jew hawn.'

Xehed ukoll Manwel Borg ukoll in rapprezentanza ta' Transport Malta u primarjament spjega:

1. Ikkonferma x-xhieda ta' Patrick Pollacco fis-sens li l-appellanti kellu licenzja valida ta' Water Sports Operator u jista juzaha sabiex jigbed opri ohra.
2. Dwar in-necessita' ta' permess tal-MEPA spjega Jekk ma jkunx ser juza art pubblika, le, ghax hu fl-applikazzjoni taddghajsa iddikjara li ser tkun slipped daily jigifieri itellaghha u jnizzilha kulhum, mhux qed juza art.

3. L-appellanti, skond l-applikazzjoni, ma kienx ser juza art pubblika minhabba dak li inghad li d-dghajsa kien ser itelleghha u jnizzilha.
4. Meta jkollok applikant, bhal tal-appellanti, li ma jkollux outlet u lanqas dikjarar minn art pubblika, ghandu l-kundizzjoni li jrid jottempera ruhu mal-ligijiet u awtoritajiet tal-pajjiz.

Xehdu wkoll l-Enforcement Manager Gordon Grech illi dwar dan il-kaz spjega:

1. Illi fil-mument li ghamel inspection ir-ramla l-appellanti certament kien qed jizvolgi attivita' kummercjali u jtella n-nies.
2. Ghamel riferenza ghar-ritratti esibiti mill-Awtorita' u kkonfermahom. Ir-ritratti juru s-sofa beds fuq ir-ramla.
3. L-istrutturi mal-art kienu umbrella u siggu tahtu li jew l-appellanti jew ommu kienu jiehdu l-ordnijiet minn nies biex imbaghad johorguhom fuq il-bahar ghal watersports.
4. Spjega ghaliex hareg l-enforcement notice: L-attivita' kummercjali li go area skedata kien qed isir zvilupp ta' water sport fejn ghandek in-nies li jidhlu b'water sofa minn go din l-area ghal liema zvilupp ghalina ghandek bzonn permess mill-MEPA illum PA.

Xehdet ukoll l-Enforcement Officer Louise Cremona li kkonfermat:

1. In linja generali dak li xehed dwaru Gordon Grech.
2. Illi l-appellanti ma kellu ebda stutturi fur ir-ramel bhal xi gabbana jew kaxxa li minnha jbiegh il-biljetti.
3. Dwar dhul u inzul tan-nies minn fuq is-sofa spjegat li marret fir-Ramla xi hames sitt darbiet f'lulju, Awwissu u Settembru 2015 u fil-bidu sibna li kellu dan il-water sofa fuq ir-ramel imbaghad kien jidhol ghan-nies minn fuq ir-ramel, izommu barra, jorbtu ma buoy barra fil-freeway, imbaghad jerga jidhol ghan-nies ripetutament biex jigbor in-nies minn fuq ir-ramel.

Ghalhekk mill-Atti jirrizulta fattwalment illi l-appellanti kien qed jaghmel attivita' kummercjali ta' water sports minghajr permess? Ir-risposta hija le. Skond l-Awtorita' tat-Trasport l-appellanti kellu kull dritt illi jopera dghajsa ghal water sports basta li dan ikun mill-bahar. Il-kwesit allura huwa jekk il-fatt li l-appellanti kien pogga umbrella u siggu u li n-nies kienu jittellghu mir-ramel biex imbaghad (meta jkunu fil-bahar) jitilghu fis-sofa bed tal-ilma kienx qed isir zvilupp li jirrikjedi permess.

Naturalment kull zvilupp ghandu bzonn permess u dan jinkludi bdil ta' uzu tal-art. Dana japplika fil-kaz in mertu anki jekk dak li wettaq bhala bdil ta' uzu huwa wiehed zghir izda, li tarma umbrella b'mod anki temporanju biex tigbor hlasijiet jaqa' fiddefinizzjoni ta' bdil ta' uzu zghir kemm huwa zghir.

Ghalhekk indipendentement minn kwalunkwe permess li seta kellu l-appellanti mill-Awtorita' ghat-Trasport xorta kellu bzonn ukoll il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar ghal bdil ta' uzu tal-art fis-sit indikat fl-Avviz.

Ghaldaqstant l-aggravju numru 4 huwa michud. Konsegwentement l-aggravji rimanenti li jirrigwardaw proprju l-uzu huma similment michuda kif ukoll per konsegwenza huwa michud l-ahhar aggravju.

It-tribunal ghalhekk jichad l-appell u jikkonferma l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF 157/15 mahrug fil-konfront tal-appellanti.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal ikkonkluda li l-appellant kellu licenzja mill-Awtorita ghat-Trasport biex jopera dghajsa bil-water sports mill-bahar u jista' jghabbi n-nies mill-fairway li hemm fir-Ramla. Ghalhekk a bazi tal-artikolu 36(1)(a) tal-Kap. 551 it-Tribunal kellu jilqa' l-appell billi l-ligi tghid li appell minn enforcement order jigi milqugh jekk jigi pruvat li ebda permess ma kien jehtieg ghall-attivita;
2. It-Tribunal qies li l-uzu tal-umbrella fuq ir-ramel mill-appellant kienet ghall-iskop biex jingabru minn tahtha l-hlasijiet ghal kiri tad-dghajsa. L-appellant dejjem sostna li hu kien joqghod taht l-umbrella biex jistkenn mix-xemx. Ma hemmx prova mod iehor u ghalhekk it-Tribunal ma setghax jiddeciedi kif iddecieda. L-appellant jissottometti li uzu ta' umbrella u siggu biex tistkenn mix-xemx ma jikkostitwix bdil ta' uzu jew zvilupp kif trid id-definizzjoni ta' 'uzu' fl-artikolu 2 tal-Kap. 552;
3. It-Tribunal ma setghax jikkonferma l-impozizzjoni ta' multa kuljum meta ghal maggoranza kbira tas-sena l-appellant lanqas jersaq lejn ir-Ramla u juzaha biss fis-sajf meta ma jkunx rih.

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggravju ma fihx mertu. Mhux kontestat li l-appellant ghandu permess mill-Awtorita ghat-Trasport biex jopera dghajsa fuq il-bahar ghall uzu ta' watersports. Il-kwistjoni li nsorgiet u li hi l-mertu tal-avviz tal-enforzar hu l-attivita allegatament konnessa mal-istess operazzjoni kummercjali minn fuq il-bajja u jekk tali attivita tinhtiegx permess tal-Awtorita tal-Ippjanar. Kif xehdu Patrick Pollacco enforcement manager Transport Malta  u Manwel Borg ukoll in rapprezentanza ta' Transport Malta, il-permess ikopri opri tal-bahar bhala water sports operator u tintuza biex l-opra tal-bahar tigbed opri ohra basta ma tintuzax art pubblika. Meta applikant bhalma hu l-appellant ma jkollux outlet minn art pubblika ghandu l-konidzzjoni li jrid jottempera ruhu mal-ligijiet u awtoritajiet tal-pajjiz.

Ghalhekk l-aggravju kif impostat hu michud.

**It-tieni aggravju**

L-appellant isostni li hu ma jmexxi ebda attivita minn fuq ix-xatt. L-umbrella u s-siggu huma intizi biex jistkenn mix-xemx u ma hemmx prova kuntrarja nonostante l-konkluzjoni tat-Tribunal. It-Tribunal qies illi l-provi juru mod iehor. It-Tribunal wasal ghal fehma illi l-umbrella u s-siggu ma kienux intizi biex ikopru lil appellant mix-xemx izda biex jigbor in-nies ghall-uzu tas-sofa bed li kienet tingarr mid-dghajsa fil-bahar. Dan hu punt ta’ fatt mhux ta’ ligi u din il-Qorti ma ghandhiex jedd tiddisturba l-konkluzjonijet fattwali tat-Tribunal minghajr raguni serja hafna. Il-prova li trid issir hi bhal kull prova ohra fil-ligi cioe fuq bazi ta’ bilanc ta’ probabilita u din il-Qorti ma tqis li t-Tribunal ma setghax jasal ghal konkluzjoni li wasal ghaliha. Dan jinghad ghax il-provi tal-enforcement officer juru illi l-appellant sahansitra kien pogga anki tabelli ta’ reklamar f’Lulju 2015 fuq l-art fir-ramla u kien jiehu n-nies minn fuq ir-ramla ghad-dghajsa. Dan hu indikattiv b’mod car ta’ gestjoni ta’ attivita relatata mal-uzu tad-dghajsa u l-iskop li ghalih kienet tintuza. Zgur li l-attivita kummercjali ma kinitx titmexxa wahedha bla ebda intervent tal-bniedem. L-appellant pero jsostni illi l-enforcement notice ma jreggix ghax l-allegat ‘uzu’ projbit ma jinkwadrax ruhu fid-definizzjoni ta’ ‘uzu’ ta’ art kif trid id-definizzjoni f’artikolu 2 tal-Kap. 552. Din il-Qorti tqis li dan l-aggravju qatt ma tqajjem quddiem it-Tribunal pero fi kwalunkwe kaz id-definizzjoni ta’ ‘uzu’ ta’ art imsemmija fl-artikolu 2 tal-Kap. 552 mhix esklussiva ghall-iskopijiet hemm indikati ghax l-istess artikolu jghid li ‘uzu’ <u>‘tinkludi’</u> xoghlijiet ta’ kostruzzjoni, inginerija u thaffir pero ma teskludix li uzu jkollu wkoll tifsiriet ohra bhalma hi attivita kummercjali fuq art pubblika li taqa’ fid-definizzjoni ta’ zvilupp skond artikolu 71 tal-Kap. 552.

**It-tielet aggravju**

Dan l-aggravju ma sarx mill-appellant fl-appell minnu maghmul quddiem it-Tribunal. Fl-appell tieghu rabat il-multa man-nuqqas ta’ zvilupp bla permess u ma ghamel ebda sottomissjoni dwar il-mod kif giet imposta. Ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex tintratjeni aggravji li ma sarux quddiem it-Tribunal.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Shaun Patrick Debrincat u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-5 ta' Lulju 2018, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur